MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Numru. 855/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Al Tahar Al Trabelsi**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Al Tahar Al Trabelsi detentur tal-karta tal-identita` numru 185295M u passaport Malti bin-numru 761822.

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Lulju 2011, ghall-habta tad-9:30hrs gewwa l-ufficini tal-Avukat Generali sitwati gewwa l-Palazz, Pjazza San Gorg, Valletta,

1. Ingurja jew hedded lill-Avukat Generali jew ufficjal tieghu kif deskritt skond Artikolu 2 (4) u 3 (2) tal-Ordinanza dwar l-Avukat Generali, Kapitlu 90 tal-Ligijiet

ta’ Malta u cioe` lil Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D liema theddid kien ta’ delitt, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li ghamlet id-dmirijiet taghha, jew bil-hsieb li jbezzaghha inkella li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghha,

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq Dr. Donatella Frendo Dimech, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lill-istess Dr. Donatella Frendo Dimech.

Il-Qorti giet mitluba tqis lil Al Tahar Al Trabelsi bhala recediv ta’ diversi sentenzi a tenur tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzisaru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Dr. Donatella Frendo Dimech kif ukoll ir-residenza taghha u l-post li tali persuna tiffrekwenta.

Finalment, il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija ta’ l-imputat tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Dr. Donatella Frendo Dimech ai termini tal-Artikolu 383, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif mahsub f’Artikolu 93(3) tal-istess Kodici Kriminali.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati ghall-akkuzi migjuba kontrih.

Rat ix-xhieda.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat li inghatat meta kien ser jigi finalizzat il-kaz kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 92, 93(3), 94(1), 95, 339(1)(d)u(e) , 338(dd), 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kodici Kriminali, qeghda issib lill-imputat Al Tahar Al Trabelsi hati fuq ammissjoni tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief taht l-Artikolu 94(1) tal-Kap 9, liema akkuza ma kienx originarjament akkuzat biha, u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija. Inoltre, qeghda timponi wkoll protection order taht l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 li qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza sabiex tifforma parti integrali minnha.
Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------